**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Mario Busuttil**

**Illum it-3 ta' Gunju 2022**

**Kaz Nru; 184-85**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Mario Busuttil** bin Saviour u Rose xebba Pulis imwieled Mosta nhar id-19 ta' Awwissu 1955, residenti gewwa Binja Hesri, Ent C, Flt 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 616855M, akkuzat talli;

Nhar l-4 ta' Ottubru 2020 ghal habta ta' 08:45hrs fl-inhawi ta' Hal Far/taz-Zurrieq u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti f'kaz ta' htija giet mitluba illi barrali taghti l-piena that ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekkkif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali,

Semghet lix-xhieda,

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet,

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-4 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tad-9.15am, waqt stagun maghluq ghall-insib, l-pulizija rcevew rapport mill-Committee Against Bird Slaughter (CABS) rigward insib illegali fl-inhawi taz-Zurrieq. Il-pulizija marru fuq il-post u waqt li kienu qed ikellmu lil Fiona Burrows u lil Chris Cachia Zammit (membri tal-CABS), harget vettura tal-ghamla Fiat Punto, lewn griz, bin-numru ta' registrazzjoni MKI047. Burrows infurmat lill-Pulizija li dik kienet il-vettura tan-nassab in kwistjoni. Minn verifiki li saru mill-pulizija rrizulta li dina kienet irregistrata f'isem il-qua imputat Mario Busuttil. Skond il-membri tal-CABS il-qua imputat kien fuq mansab attiv b'diversi ghasafar bil-gbid jaghti go dura li fiha kien hemm il-qua imputat. Madanakollu meta wasslu l-pulizija fuq il-post huwa kien lahaq telaq u ha l-ghasafar mieghu filwaqt li halla l-mansab fuq il-post, li sussegwentament gie zarmat mill-pulizija. Meta l-qua imputat gie muri l-filmat u nterrogat mill-pulizija huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda (hekk kif kellu kull dritt li jaghmel). Il-pulizija kkonfermaw li minhabba x-xebh tieghu mal-persuna fuq il-filmat ittiehdu l-prezenti proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti ezaminat fid-dettal il-filmat ezebiet mill-membri tal-CABS. Illi mill-filmat jirrizulta carissimu li kien hemm attivita t'insib b'mod attiv b'uzu ta' ghasafar bhala lixki u li n-nassab in kwistjoni ma kien hadd ghajr il-qua imputat. Mill-filmat, hemm istanzi fejn wicc l-imputat jidher car tant li l-identifikazzjoni hija possibli anke li ssir minn dina l-Qorti. Di piu' l-qua imputat ha l-pedana tax-xhieda minn jeddu u kkonferma di persona li dak inhar kien hu fuq il-mansab in kwistjoni. Madanakollu huwa jispjega li ma kienx hemmhekk biex jonsob u l-

mansab kien biss armat ghaliex missieru kien hallieh armat u huma (hu u huh) ma kienux zarmawh. Il-Qorti wara li ezaminat il-filmat ma sibx din il-verzjoni tal-imputat bhala wahda verosimili u kredibbli. Dan meta mill-filmat ezebiet jirrizulta car li l-qua imputat kien mohbi wara dura josserva l-mansab fuq tul ta' hin bil-habel tal-gbid dirett fid-dura fejn kien huwa. Kieku vera l-imputat kien sempliciment qed jiehu hsieb l-ghasafar li halla missieru ma kienx ikun hemm il-htiega li jistahba wara d-dura ghal tul ta' hin hekk kif kjarament jirrizulta li kien qed jaghmel il-qua imputat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni gew sodisfacentament ippruvati skond il-ligi. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova jekk l-ghasafar li kienu uzati bhala lixki kienux effettivament protetti jew le. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tillibera lill-qua imputat minn dina l-imputazzjoni biss.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolament 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 1,600 li b'applikazzjoni tal-artikoli 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas permezz ta' rati mensili fl-ammont ta' Eur. 100 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**